**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tnejn 10 ta` Diċembru, 2018.**

**Talba Nru: 172/2018PA**

**Hansa Wines & Spirits Ltd**

**vs**

**Cachia Operations Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-24 ta` April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas is-somma ta` elfejn, seba' mija u sbatax-il Ewro, sitta u tletin ċenteżmu (€2,717.36ċ) import ta` ċekk mhuxonorat, li kopja tiegħu tinsab annessa mal-Avviż tat-Talba bħala 'Dok. A', bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet, inkluż imgħaxijiet kummerċjali għall-ħlas tardiv mid-data taċ-ċekk sad-data tal-ħlas effettiva, kontra s-soċjeta` konvenuta li tibqa' nġunta għas-subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja fotostatika[1] ta` ċekk maħrug minn Sabrina Limited lil Hansa fis-somma mitluba b'din il-kawża, liema ċekk huwa datat 16 ta` Ġunju 2013 u ffirmat minn Joħn Saliba. Dan iċ-ċekk fih trimbru 'Refer to Drawer'.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha eċċepiet: (i) preliminarjament, li l-azzjoni odjerna hija preskritta fit-termini tal-art. 2148(b) u 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta` Malta; (ii) mingħajr preġudizzju, dan it-Tribunal mhux kompetenza ratione materiae biex jiddeċiedi fuq it-talba attriċi; (iii) mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tas-smigħ tal-kawża.

Ra li, in vista tal-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta` konvenuta, it-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi.

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet, u ra d-dokumenti ppreżentati minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li segweit kawża oħra fl-ismijiet **Hansa Wines & Spirits Limited vs Joseph Cachia et** (Talba Numru 284/2017PA), deċiża minn dan it-Tribunal kif presjedut, fis-27 ta` Marżu 2018.

Il-**konvenut Joseph Cachia**,[2] prodott mis-soċjeta` konvenuta, xehed li għandu kumpanija jisimha Cachia Operations Limited. B'riferenza għal din it-talba, Cachia qal li l-kumpanija konenuta ma għandha tħallas xejn lis-soċjeta` attriċi għax ma xtrat xejn mingħandha, ħlief f'okkażjoni waħda meta ħallset mal-konsenja fi flus kontanti. Fuq

[1] Id-dokument oriġinali jinsab *eżibit animo* ritirandi, fol. 24
[2] Ara xiehda, 23.10.2018, fol. 21-22

domanda tat-Tribunal, ix-xhud qal li din il-kumpanija f'xi żmien kien jisimha 'Sabrina Limited', pero` qal li ħu m'għandux x'jaqsam mad-dejn ta` Sabrina Limited. In kontro-eżami, Cachia qal li Cachia Operations Limited hija l-istess kumpanija bħal Sabrina Limited, bl-istess numru ta` reġistrazzjoni, għaliex kulma ġara kien li bidlet isimha f'xi żmien. Ix-xhud pero` nsista li ċ-ċekk, li tiegħu s-soċjeta` konvenuta qed tintalab il-ħlas b'din il-kawża, ma ħarġux hu.

Ra d-dokumenti eżibiti mis-soċjeta` attriċi, senjatament il-Memorandum and Articles of Association tagħha datat 1 ta` Diċembru 2010, meta kienet magħrufa bl-isem Sabrina Limited[3], u l-Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta` konvenuta, kif jisimha llum, datat 1 ta` April 2015[4].

Ikkunsidra li:

Għalkemm, fl-eċċezzjonijiet tagħha, is-soċjeta` konvenuta l-ewwel eċċepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni u sussegwentement in-nuqqas ta` kompetenza ratione materiae ta` dan it-Tribunal, it-Tribunal jidhirlu li għandu jqis l-ewwel id-difiża li tat is-soċjeta` konvenuta kontra s-setgħa ta` dan it-Tribunal jiddeċiedi t-talba li s-soċjeta` attriċi intavolat kontra tagħha.

Fit-trattazzjoni orali tiegħu, l-abbli difensur tas-soċjeta` konvenuta spjega li, bit-tieni eċċezzjoni tagħha, is-soċjeta` konvenuta tikkontesta li dan it-Tribunal għandu s-setgħa jisma' u jiddeċiedi din il-kawża, minħabba li n-negozju li fuqu qed jintalab il-ħlas huwa ta` natura kummerċjali, u mhux ċivili, u għalhekk jaqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-termini tad-disposizzjonijiet rilevanti fil-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta` Malta), li daħlu fis-seħħ meta ġiet abolita l-Qorti tal-Kummerċ fl-1995. Dwar din l-eċċezzjoni, is-soċjeta` konvenuta għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fil-kawża **GasanMamo Insurance**

[3] Fol. 27 *et seq.*
[4] Fol. 40 *et seq.*

**Ltd vs Sullivan Maritime Limited noe** (Talba Numru 497/2016PA), li pero` ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza mogħtija fl-14 ta` Mejju 2018.

F'dan ir-rigward, u wara li ħaseb fit-tul, it-Tribunal jidhirlu li għandu jagħmel tiegħu f'dan ir-rigward il-prinċipju gwida spjegat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maria Debono et vs Av. Paolo Mercieca et**,[5] fis-sens li *'filwaqt li huwa paċifiku li fil-proċedura nostrali ir-regola tal-preċedent jew stare deċisis fir-rigward ta` deċiżjonijiet anteċedenti, li nsibu f'sistemi legali oħrajn, ma teżistix, xorta waħda l-Qrati tagħna dejjem fittxew li kemm jista` jkun issaltan il-konsistenza u l-uniformita`, b'dan li meta mbagħad tinħass il-ħtiega ta` kapovolġiment jew strapp minn linja ta` ħsieb partikolari li tkun qegħda tiġi segwita, allura f'dak il-każ tali bidla tkun sorretta b'xi forma ta` elaborazzjoni biex tiġġustifika tali kambjament. Tali modus operandi ma ħu rikjest minn ebda parti tal-liġi tal-proċedura imma jittrapela inveċe mill-prassi tul iż-żmien mnejn jidher li normalment hekk dejjem sar.'* F'dan il-każ, wara li ra l-motivazzjonijiet li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tagħha, dan it-Tribunal jidhirlu li għandu jagħmel tiegħu dawk l-istess motivazzjonijiet, u l-konklużjoni tagħha fis-sentenza **GasanMamo Insurance Ltd vs Sullivan Maritime Limited noe** (Talba Numru 497/2016) mogħtija fl-14 ta` Mejju 2018.

It-Tribunal qiegħed għalhekk jiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta, u jiddikjara ruħu kompetenti biex jiddetermina din it-talba.

Ikkunsidra wkoll li:

Preliminarjament ukoll, is-soċjeta` konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni tat-talba attriċi fit-termini tal-**art. 2148(b)** u **2156(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**, minħabba ż-żmien li laħaq għadda bejn id-data meta Sabrina Limited ħarġet iċ-ċekk li tiegħu s-soċjeta` attriċi qed titlob il-ħlas b'din il-kawża, u d-data meta din il-kawża waslet għand is-soċjeta` konvenuta. Is-soċjeta` konvenuta arġumentat li laħqu għaddew aktar minn ħames snin bejn id-data taċ-ċekk li tiegħu qed jintalab il-ħlas, u d-data meta din il-kawża waslet

[5] 30.1.2004

għand il-konvenut, li ppreżenta r-risposta tiegħu fit-23 ta` Awissu 2018 meta l-proċedura tan-notifika tiegħu fit-termini tal-**art. 187** tal-Kap. 12 kienet għadha mhix kompletata. Is-soċjeta` attriċi twieġeb għal din l-eċċezzjoni billi tattakka l-applikabilita` tal-preskrizzjonijiet eċċepiti għall-azzjoni odjerna, in kwantu t-talba tirrigwardja ħlas dovut min-negozju kummerċjali bejn il-partijiet, u allura japplikaw il-preskrizzjonijiet stipulati fil-Kodiċi tal-Kummerċ.

Minn dak li ingħad aktar ‘il fuq dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta` konvenuta, jidher ċar li din tirrikonoxxi u taċċetta li n-negozju li minnu tifħem li twieldet l-obbligazzjoni ta` ħlas pretiża mis-soċjeta` attriċi kien ta` natura kummerċjali. Dan ifisser allura li r-reġim regolatorju – inkluż il-preskrizzjoni applikabbli – mħuwiex tal-**Kodiċi Ċivili**, imma tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**, kif sewwa ssostni s-soċjeta` attriċi. L-**art. 3** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** jipprovdi li:

> 3. F’affarijiet ta` kummerċ, tgħodd il-liġi tal-kummerċ: Iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, igħodd l-użu tal-kummerċ, u, fin-nuqqas ta` dan l-użu, tgħodd il-liġi ċivili.

Titolu I ta` Taqsima IV tal-Kodiċi tal-Kummerċ tipprovdi dwar il-preskrizzjonijiet ta` azzjonijiet kummerċjali, it-tul tagħhom fid-diversi każijiet, u n-natura perentorja li għandhom. M’hemmx kwistjoni allura li l-liġi tal-kummerċ tipprovdi dwar preskrizzjoni ta` azzjoni bħal dik odjerna, u allura m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-liġi ċivili fir-rigward.

Konsegwentement, anke l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta` konvenuta qed tiġi miċħuda.

Fil-mertu, jirriżulta pruvat li s-soċjeta` konvenuta f’xi żmien kien jisimha ‘Sabrina Limited’. Ma nġiebet ebda prova li l-firma li tidher fuq iċ-ċekk hija falża, jew li min iffirma ċ-ċekk ma kienx awtorizzat jagħmel dan, f’isem Sabrina Limited, fid-data tal-ħrug tiegħu. Is-sottomissjoni ta` Joseph Cachia li d-dejn m’għamlux ħu hija legalment irrilevanti, għaliex il-ħlas din id-darba mhux jintalab mingħandu imma mingħand is-soċjeta` konvenuta, li tagħha huwa direttur u azzjonist, iżda li għandha personalita`

ġuridika separata u distinta minn tiegħu. Lanqas hija ppruvata s-sottomissjoni l-oħra tiegħu li din il-kumpanija xtraha mingħajr dan id-dejn, għaliex ma nġiebet ebda prova f'dak ir-rigward.

Finalment, is-soċjeta` konvenuta tarġumenta li t-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tal-imgħax m'għandhiex tintlaqa', b'applikazzjoni tal-ekwita`, għaliex is-soċjeta` attriċi ma għamlet xejn għal aktar minn ħames snin, u ser tispiċċa vantaggjata bit-trapass taż-żmien.

Fil-fehma tat-Tribunal, lanqas dan l-arġument ma jsib sostenn fil-liġi. Għalhekk huwa minnu li l-liġi li ħolqot dan it-Tribunal tgħid li 't-Tribunal għandu jaqta` kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità'[6], dan ma jfissirx li t-Tribunal jista` jinjora l-liġi, u b'mod arbitrarju, joħloq ħu l-liġi, jew iwarrab il-liġi eżistenti biex għal konklużjonijiet moralment aċċettabbli għalih fuq materji legali. Filfatt, appuntu dwar din id-disposizzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħha, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Marika Caruana vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja**[7] ikkummentat li l-ekwita` tfisser *''Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).' Fil-kamp ġuridiku l-kelma ekwita` għandha s-sens illi dan ħu prinċipju li għandu jiġi applikat mhux biex ifarrak il-Liġi, jew biex jissostitwixxi l-Liġi, iżda biex jissuplimentaħa fejn il-liġi hi mankanti[8]: 'Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution,a dn defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is and this is the office of equity … Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assists it.'*

[6] **Art. 7(1)** tal-Kap. 380
[7] 23.1.2004
[8] Sottolinear tat-Tribunal

Dwar l-imgħax fuq dejn kummerċjali, l-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi li '*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.'* Il-liġi trid li l-imgħax fuq transazzjonijiet ta` negozju jgħaddi ipso faċto, mingħajr il-ħtiega ta` intimazzjoni għall-ħlas, proprju minħabba n-natura u l-iskop tan-negozju ġuridiku involut. Ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lis-soċjeta` konvenuta milli tonora ċ-ċekk maħrug minnħa, aktar u aktar meta jinsab pruvat li kellha avviż mill-istituzzjoni finanzjarja involuta li ċ-ċekk ma ssarrafx, u ċertament li ma kellhiex għalfejn tistenna li s-soċjeta` attriċi tfittixħa ġudizzjarjament biex tagħmel dan. Jekk dan in-nuqqas ma kienx ġej mid-direttur attwali tas-soċjeta` konvenuta, imma minn ħaddieħor, jew jekk is-soċjeta` konvenuta ġiet imqarrqa dwar id-djun li seta` kellha, allura din jibqagħlha jeddijiet sħaħ skond il-liġi li ddur fuq min jista` jkun responsabbli li jagħmlilha tajjeb minħabba f'dan.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta` konvenuta, jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasħa s-somma ta` elfejn, seba' mija u sbatax-il Ewro, sitta u tletin ċenteżmu (€2,717.36ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**